# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 853/2018 MH**

**Illum, 17 ta' Frar, 2023**

**Mizzi Group Limited (C 21948), Unitrade Limited (C 9456), Millennia Limited (C 22784), Joseph Vincent sive Jovan Mizzi (K.I. 340061M)**

**vs**

**Desmond Mizzi (K.I. 465463M), D.M. Holdings Limited (C 8404) u HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tat-22 t'Awwissu 2018** permezz ta' liema ppremettew u talbu –

*"Jesponu bir-rispett u Joseph Vincent sive Jovan Mizzi bil-gurament tieghu jikkonferma ssegwenti dikjarazzjonijiet u r-raguni tat-talba:*

*Dikiarazzioni tal-Fatti*

*SFOND*

l. *Illi s-soéjeta' rikorrenti Unitrade Limited ("Unitrade") u s-soéjeta' intimata D.M. Holdings Limited ("D.M. Holdings") huma azzjonisti tas-soéjeta' rikorrenti Mizzi Group Limited ('Mizzi Group") f' ishma indaqs.*

2. *Illi s-soéjeta• rikorrenti Millennia Limited ("Millennia") hija kumpannija sussidjarja ta' Mizzi Group, tant illi aktar minn disgha u disghin (99%) tal-ishma fil-Millennia huma proprjeta' ta' Mizzi Group.*

3. *Illi I-maggor parti tal-ishma tas-soéjetajiet Unitrade u D.M. Holdings jappartjenu lillahwa Mizzi, ossija r-rikorrent Jovan Mizzi u I-intimat Desmond Mizzi rispettivament, b'dan illi Mizzi Group hija effettivament negozju tal-familja fejn I-ultimate beneficial ovvners taghha huma I-ahwa Mizzi fi kwoti ndaqs.*

4. *Illi minhabba nuqqas ta' qbil dwar it-tmexxija tan-negozju, I-ahwa Mizzi, permezz tal-ftehim tas-sbatax (17) ta' Gunju 2005 imsejjah "Business Valuation and Division/Restructuring Agreement' (il-"Ftehim"), kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'JMI' Riehmu li jaqsmu in-negozju ta' Mizzi Group*
bejniethom.

5. *Illi fuq il-Ftehim dehru Mizzi Group, D.M. Holdings, Unitrade, Desmond Mizzi, Jovan Mizzi u mart Jovan Mizzi, Gabrielle Mizzi, li krejaw Zewé lottijiet, lot ghal kull wiehed mill-ahwa, konsistenti Passi u djun ta' Mizzi Group.*

*ID-DEJN*

6. *Illi permezz ta' klawsola numru 1.6 (a) (ii) tal-Ftehim, il-partijiet qablu illi d-dejn ta' Mizzi Group — u tal-Mi11ennia - ossija I-overdraft mal-HSBC Bank Malta plc ("HSBC"), li dak iz-zrnien (fil-31 ta' Marzu 2005) kellu bilanc ta' erba mija sebgha u tmenin elf hames wiehed u disghin Lira (Lm487,591), ekwivalenti ghal miljun mija hamsa u tletin elf seba mija wiehed u tmenin Euro u hamsin centezmu (€1, 135,781.50) kellhu jigi allokat fill-intimati D.M Holdings u Desmond Mizzi.*

7. *Illi permezz ta' klawsola numru 1.6 (b) (ii) tal-Ftehinu il-partijiet qablu illi d-dejn ta' Mizzi Group ossija I-loans mal-HSBC li dak i2-±mien (fil-31 ta' Marzu 2005) kellhom bilané ta' tmien mija u ghaxart elef sitt mija u seba Liri u tnax-il centezmu (Lm810,607.12), ekwivalenti ghal miljun mija tmienja u tmenin elf mitejn u sitt Euro u sitta u sittin centezmu (€1,888,206.66) kellhom jigu allokati lir-rikorrenti Unitrade u Jovan Mizzi.*

8. *Illi klawsola numru 14.3 tal-Ftehim tistipula kif gej:*

*D.M. Holdings Limted and/or Desmond Mizzi on the one part and Unitrade Limited and/or Jovan Mizzi on the other shall be solely responsible for any repayments due from each of them respectively in connection with the overdraft and loan account number or numbers stated in Clause 1.6(a)(ii) [in respect of D.M Holdings Limited and/or Desmond Mizzi] and Clause [in respect of Unitrade Limited and/or Jovan Mizi] during the period between the Cut-off Date and the date of division, distribution and/or restncturing of the Company's Business is effected in terms of this Agreement.*

9. *Illi kif jirrizulta mill-klawsola precitata, il-partijiet qablu illi mill-Cut Off Date, jiÉifieri 1-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena 2005, 'il quddiem, D.M. Holdings u Desmond Mizzi fuq naha wahda u Unitrade u Jovan Mizzi fuq in-naha 1-ohra, kellhom ikunu responsabbli huma personalment ghall-hlasijiet tad-djun surreferiti u li kienu ser jifformaw parti mil-lot taghhom.*

*IO. Illi ghaldaqstant, permezz tal-Ftehim, 1-ahwa Mizzi etoneraw lil Mizzi Group millobbligu taghha illi thallas id-dejn relattiv, u min-naha taghha, Mizzi Group aéêettat.*

*I l . Illi r-rikorrenti Unitrade u Jovan Mizzi matul is-snin komplew jonoraw 1-obligazzjoni relattiva, ossia 1-hlasijiet tal-loans, b'dan illi sal-gurnata tal-llum hallset lill-HSBC parti sostanzjali mill-istess Ioans.*

*II,-HLAS MILL-INTIMATI DESMOND MIZZ U D.M HOLDINGS*

12. *Illi fil-25 ta' Gunju tas-sena 2008, permezz ta' Zewg atti pubblici fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat li fuqhom deher 1-intimat Desmond Mizzi*

*fil-kwalita' tieghu ta' direttur tal-Mizzi Group, 1-istess Mizzi Group ikkostitwiet ruhha bhala debitriéi tal-HSBC fis-somom ta' miljun tlett mija u tlettax-il elf disa' mija hamsa u sittin Euro (€1,313,965.68) u miljun erba' mija sebgha u sittin Elfhames mija sebgha u erbghin Euro (€1,467,547), rapprezentanti 1-bilanci dovuti minn Mizzi Group ghall-overdraft u Ioans rispettivament, senjatament 1-istess djun li 1-ahwa kienu assumew personalment lura fl-2005 (kopja ta' liema huma annessi u mmarkati Dok. JM2 u JM3 rispettivament).*

13. *Illi fit-18 ta' Mejju 2010, u permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Marco Burlo', lintimat Desmond Mizzi hallas lill-HSBC is-somma ta' miljun hames mija u elf mija disgha u tletin ewro u tmienja u ghoxrin CenteZmu (61* 501,139.28) *rappretentanti ilbilanè dovut fuq 1-overdraft in kwistjoni u li 1-istess intimat Mizzi u s-soéjeta' tieghu D.M Holdings kienu assumew lura fis-sena elfejn u hamsa (2005).*

*SURROGA*

14. *Illi kien biss rièentement illi ir-rikorrenti saru jafu li permezz ta' 1-istess att tat-18 ta' Mejju 2010, 1-intimat Desmond Mizzi Éie issurrogat fid-drittijiet tal-HSBC kontra Mizzi Group fir-rigward tal-imsemmi dejn li huwa hallas (kopja tal-imsemmi att pubbliku huwa anness u mmarkat Dok. JM4).*

15. *Illi sussegwentement u bhala ssurrogat fid-drittijiet tal-HSBC kontra Mizzi Group, Desmond Mizzi kompla bi proéeduri ta' subbasta numru 81/2009 fl-ismijiet HSBC Bank Malta PIC vs Mizzi Group Limited, u ghamel offerta animo compensandi sabiex jakkwista 1-proprjeta' ta' Mizzi Group @240, Zabbar Road, Paola, il-bejgh ta' liema gie awtorizzat permezz ta' digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Novembru 2009.*

16. *Illi fl-imsemmi bejgh bl-irkant illi sar fit-28 ta' Ottubru 2010, Desmond Mizzi akkwista I-imsemmija proprjeta' ghall-prezz ta' disa' mitt elf u Euro (€900,001) animo compensandi.*

17. *Illi permezz ta' digriet fl-atti tal-imsemmija subbasta tas-27 ta' Lulju 2011, il-Qorti laqghet it-talba ta' Desmond Mizzi ghall-kompensazzjoni ghall-ammont offut minnu fis-subbasta ma somma ekwivalenti mill-*

*laeditu li skont Desmond Mizzi huwa dovut lilu minn Mizzi Group ai termini tal-att tas-surroga sucitat.*

18. *Illi pertinenti jinghad illi I-proprjeta' illi Desmond Mizzi akkwista permezz tassubbasta, kienet proprju tifforma parti mil-lot allokat lilu fil-Ftehim.*

19. *Illi permezz ta' din il-manuvra illeéita, illegali u frawdolenti da parti ta' I-intimati Desmond Mizzi u D.M. Holdings, I-intimat Desmond Mizzi akkwista din il-proprjeta' bi prezz ferm inqas mill-valur tal-proprjeta' fis-suq, u allura I-valur li tali proprjeta' kienet tinghata Ii kieku giet trasferita lil Desmond Mizzi bhala parti mil-lot tieghu kif maqbul fil-Ftehim.*

20. *Illi tant huwa hekk illi fis-subbasta in kwistjoni, Desmond Mizzi akkwista I-proprjeta' ghall-prezz ta' disa' mitt elf u Euro (€9()(),()()1), meta din il-proprjeta kienet dak itmien, ai fini tas-subbasta, giet stmata miljun u hames mitt elf Euro (€1,500,000).*

*L-INVOLVIMENT TAL-HSBC*

21. *Illi pertinenti jinghad illi I-bank intimat HSBC kien ben konsapevoli tal-arrangamenti kontenuti fil-Ftehi1'L tant illi addirittura I-partijiet kienu debitament ipprovdew lillistess HSBC kopja tal-istess u ghal numru ta' snin saru pagamenti lill-HSBC skont listess Ftehim. Dan jirrizulta wkoll minn numru ta' korrispondenza rigward din ilmaterja illi saru mal-imsemmi HSBC (kopja ta' liema huma annessi u mmarkati Dok. JMS.)*

22. *Illi in oltre', fl-att pubbliku tas-surroga, il-bank intimat HSBC imrabat illi ma kienx ser i%omm lil Desmond Mizzi responsabbli ghal-bqija tad-dejn, ossia I-overdraft, illi Mizzi Group kellha mal-HSBC.*

23. *Dan kollhu sar ad insaputa* ar-rikorrenti*li kellhom kull interess jipparteéipaw u jidhru fuq I-att pubbliku li kien effettivament ser joqtol I-obbligazzjoni tal-hlas tad-dejn velsu I-HSBC.*

24. *Illi huwa evidenti illi I-bank intimat ma setax agixxa bil-bona fide meta fl-istess waqt Ii kien ben konsapevoli tal-arrangamenti kontenuti fil-Ftehim, anzi sa Oertu punt parteéipi fm-negozjati bejn I-ahwa Mizzi, deher fuq att pubbliku fejn I-intimat Desmond Mizzi éie ssurrogat fid-*

*drittijiet ta' l-istess Bank sabiex jirkupra minghand ir-rikorrenti hlas ta' dejn illi kien assuma l-istess intimat personalment.*

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. *Illi permezz tal-Ftehim ir-rikorrenti Unitrade u Jovan Mizzi u l-intimati Desmond Mizzi u D.M Holdings assumew ir-responsabbilta' ghall-hlasijiet tad-dejn tas-soéjeta' rikorrenti Mizzi Group u s-sussidjarji taghha, b'dan illi e20neraw lill-istess Mizzi Group mir-responsabbilta' tal-hlas.*

2. *Illi ghalhekk meta l-intimat Desmond Mizzi hallas id-dejn, li permezz tal-Ftehim hu assuma r-responsabbilta' tieghu, dik l-obbligazzjoni Éiet estinta u l-istess intimat Desmond Mizzi ma seta' qatt jiÉi ssurrogat fid-drittijiet tal-Bank intimat HSBC filkonfront ta' Mizzi Group.*

3. *Illi l-agir ta' l-intimat Desmond Mizzi jikkostitwixxi ksur lampanti tal-obbligi fiduéjarji tal-istess intimat bhala direttur tas-soéjeta' rikorrenti Mizzi Group, u huwa aÉir abbuiiv, illegali u frawdolenti fil-konfront tar-rikorrenti.*

4. *Illi l-bank intimat HSBC kien parteéipi fl-aÉir frawdolenti tal-intimat Desmond Mizzi in kwantu illi l-istess bank ma seta' qatt deher in buonafede fuq l-att pubbliku tat- 18 ta' Meju 2010 u jghaddi b'surroga d-drittijiet tieghu a favor tal-intimat Mizzi, meta kien jafben tajjeb illi l-intimat Desmond Mizzi kien qieghed ihallas dejn li assuma rresponsabbilta' personali tieghu huwa stess, u aktar u aktar meta l-bank intimat fuq listess att pubbliku, heles biss lill-intimat Mizzi minghajr ma heles lir-rikorrenti millistess obbligazzjoni fil-konfront tal-bank.*

<u>Talbiet</u>

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti joghÉobha prevja kull dlkjarazzjoni u provvedimenti li jidrilha xierqa:*

*I . Tiddikjara illi permezz tal-Ftehim tas-17 ta' Gunju 2005 1-intimati DIM. Holdings u Desmond Mizzi assumew personalment ir-responsabbilta' ghall-hlas tad-dejn effettivament imhallas mill-intimat Desmond Mizzi permezz tal-att tat-18 ta' Mejju 2010.*

2. *Tiddikjara illi I-intimat Desmond Mizzi qatt ma seta jigi ssurrogat fid-drittijiet talHSBC Bank Malta plc meta huwa hallas lill-istess HSBC il-bilané tad-dejn li rrikorrenti Mizzi Group Limited kellha mal-istess HSBC u li ghalih kien assuma rresponsabbilita' I-istess Desmond Mizzi.*

3. *Tiddikjara illi permezz tal-hlas effetwat* mill-intimat *Desmond Mizzi lill-intilnata HSBC, id-dejn emanenti mill-overdraft in kwistjoni u t-titolu e2ekuttiv relattiv gew estinti.*

4. *Tiddikjara illi bl-aéir taghhoru partikolarment bl-att tat-18 ta' Mejju 2010, I-intimati Desmond Mizzi u/jew D.M. Holdings agixxew b'mod abbutiv u illegali, fil-konfront*

   tar-rikorrenti.

5. *Tiddikjara Ii I-agir tal-intimat Desmond Mizzi, partikolarment I-att tat-18 ta' Mejju 2010, jikkostitwixxi ksur tal-obbligi fiducjajri tieghu bhala direttur ta' Mizzi Group.*

6. *Tiddikjara illi I-intimata HSBC ma agixxietx in buonafede u konsegwentement kienet partecipi fl-agir illegali tal-intimati I-ohra fil-konfront tarrikorrenti meta ssurrogat lil Desmond Mizzi fuq I-att tat-1 8 ta' Meju 2010.*

7. *Tordna r-rexissjoni ta' dik il-parti tal-att tat-18 ta' Meju 2010, illi jirrigwarda limsemmija surroga, u tipprefiggi imien u 10k ghall-pubblikazzjoni tar-att necessarju u mehtieé u tahtar kuratur sabiex jirrappreienta I-eventwali kontumaéi fuq I-att konéernat.*

8. *Tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-16 ta' Novembru 2009 fl-atti tasubbasta 81/09 fl-ismijiet HSBC Bank plc vs Mizzi Group Limited illi bih ordnat ilbejgh bis-subbasta tal-proprjeta' @240 Triq Zabbar, Fgura.*

9. *Tordna r-rexissjoni tal-bejgh bl-irkant 81/09 illi sar nhar it-28 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema I-intimat Desmond Mizzi aklcwista I-proprjeta' @240 Triq Zabbar, Fgura, u tippretiégi mien u 10k ghall-pubblikazzjoni tar-att neéessarju u mehtieg u tahtar kuratur sabiex jirrappre±enta I-evéntwali kontumaéi fuq I-att konéernat.*

*BI-ispejje± kontra I-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

*B'rizerva ghal kull azzjoni ohra li tikkompeti lill-istanti skont il-liéi, jew I-aventi kawta taghhom, kontra I-intimati, jew I-aventi kawza taghhom."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-HSBC Bank Malta plc tal-25 ta' Settembru 2018**[1] permezz ta' liema oppona għat-talba tal-atturi għar-raġunijiet segwenti –

*"Jeċċepixxi bir-rispett u Dr. Ralph Agius Fernandez (k.i. nru. 565688M), debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu u minn rekords mizmuma l-bank intimat, jiddikjara s-segwenti fatti:*

***Eccezzjonijiet:***

1. Illi preliminarjament, it-talbiet relatati mal-varjanza tal-kuntratt huma illum preskritti ai termini tal-artikoli 1222 tal-Kodici CivilI stante li biex kuntratt jigi varjat jew impunjat tali kawza kellha issir entro sentejn mid-data tal-kuntratt jew fin-nuqqas tal-kriterji stabbiliti skont l-istess artiklu, tali talbiet huma perenti bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-artiklu 1224 tal-Kodici Civili.

2. Illi mingħajr preġudizzju, qabel xejn jeħtieg li l-atturi jiddikjaraw u jispecifikaw b'mod car u sewwa in-natura u l-bażi legali tal-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-Bank esponenti stante li dawn ma jirriżultawx b'mod car;

[1] Fol 61 et seq

3. Illi subordinatament it-talbiet tal-atturi magħmula fil-konfront tal-Bank esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li ma jirrizultawx;

4. Illi assolutament mhux minnu li l-Bank esponenti aġixxa b'mod illegali jew b'nuqqas ta' buona fede;

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-ebda subbasta ma tista tigi annullata wara t-trapass ta' sena mid-data tal-liberazzjoni ai termini tal-artikolu 357A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jigi sottomess illi azzjoni ta' rexxissjoni, kif donnu hija l-azzjoni li l-atturi qegħdin ifittxu jibbazaw il-kawza taghhom, tista' tintalab biss minn wieħed mill-partijiet fil-kuntratt de quo u mhux ukoll minn terzi;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu mill-Bank esponenti skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Desmond Mizzi et tal-14 ta' Settembru 2018**[2] permezz ta' liema opponew għat-talba tal-atturi għar-raġunijiet segwenti –

*"Jesponu bir-rispett u Desmond Mizzi (K.I. 465463M) bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

[2] Fol 75 et seq

1. *Illi preliminarjament, l-isem korrett tas-soċjetà li ġiet indikata fir-Rikors Ġuramentat bħala "Millenia Limited" huwa fil-fatt "Millennia Limited" u, għalhekk, għandhom isiru l-korrezzjonijiet opportuni.*

2. *Illi prelimarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba għar-rexissjoni in parte tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, hija perenta bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili.*

3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet intiżi għall-annullament u/jew tħassir tal-bejgħ bl-irkant bin-numru 81/09 relattiv għall-fond 240, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura huma perenti bid-dekors ta' sena a tenur tal-Artikolu 357A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetajiet rikorrenti Unitrade Limited, Millennia Limited u r-rikorrenti Joseph Vincent sive Jovan Mizzi m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jippromwovu din l-azzjoni.*

5. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm-il darba kellu jiġi deċiż li s-soċjetà rikorrenti Unitrade Limited u/jew ir-rikorrenti Joseph Vincent sive Jovan Mizzi għandhom xi tip ta' interess ġuridiku bħala beneficial owners tal-kumpannija Mizzi Group Limited, jiġi eċċepit li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza ratione materiae sabiex tieħu konjizzjoni tal-pretensjoni tagħhom, liema pretensjoni, se mai, kellha tiġi dedotta quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).*

6. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, dak eċċepit permezz tal-eċċezzjoni preċedenti iwassal ukoll għan-nullità tal-azzjoni attriċi billi, azzjoni kumulattiva promossa minn diversi rikorrenti iżda li taqa' taħt il-kompetenza ta' sezzjonijiet differenti ta' din l-Onorabbli Qorti hija proċeduralment inammissibbli u konsegwentement nulla.*

7. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux minnu li, bis-saħħa tal-iskrittura tas-17 ta' Ġunju 2005, l-esponenti assumew personalment ir-responsabiltà għall-ħlas tad-dejn li Mizzi Group Limited u/jew Millennia Limited kellhom ma' HSBC Bank Malta plc. Dan jirriżulta ictu oculi minn qari tal-istess skrittura li tipprovdi s-segwenti:*

*"1.6 The Parties agree that the division, distribution and/or restructuring **that shall be ordered** by the Valuation Committee in terms of this Agreement, **shall provide that**:*

*(a) the lot that* ***shall be given*** *to D.M. Holdings and/or to Desmond Mizzi as its nominee (and/or to any other of its nominees)* **shall** *include:*
*…*

*(ii) the liability to repay the outstanding overdraft of the Company and/or to its subsidiary or associated companies (Account Number 8903871001) with HSBC Bank Malta p.l.c. (the* ***"Bank"****), which at the Cut-off Date stood at Lm487,591;*

*…"*

*"12.1 On completion, the Valuation Committee shall also present to the Shareholders a scheme or plan of division, distribution and/or restructuring (the* ***"Scheme of Division"****) which shall be final and binding on the Parties hereto without any recourse or contestation whatsoever by any of the Parties hereto, and shall thereafter immediately be approved and put into effect by means of a Resolution of an Extraordinary General Meeting of the Company and/or of any of its subsidiaries or associated companies as necessary, to be promptly convened for this purpose and approved by the Shareholders and/or the Company (as shareholder in its subsidiary and associated companies)."*

*Huwa għalhekk ċar li l-assunzjoni tad-dejn naxxenti mill-kuntratt ta' overdraft kienet prospettata li ssir fil-futur u kienet assoġġettata għall-kondizzjoni sospensiva li ssir id-diviżjoni skond dak li kien ser jordna l-Valuation Committee. B'hekk tali assunzjoni ta' dejn ma seħħitx awtomatikament bis-saħħa tal-preċitata skrittura datata 17 ta' Ġunju 2005 hekk kif qed jippretendu r-rikorrenti.*

*Il-kondizzjoni sospensiva, marbuta mad-diviżjoni skond dak li kien ser jordna l-Valuation Committee, ma seħħitx għaliex il-Valuation Committee għadu ma temmx l-inkarigu tiegħu, tant hu hekk li s-soċjetà Unitrade Limited u r-rikorrent Joseph Vincent sive Jovan Mizzi, flimkien ma' martu Gabrielle Mizzi għadhom kif ippreżentaw kawża oħra quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, senjatament il-kawża fl-*

*ismijiet Unitrade Limited et v. Dr Tonio Fenech et, Rikors Ġuramentat Numru 852/2018LM preżentat fit-22 ta' Awissu 2018, li bih qed jintalab lill-Qorti inter alia li:*

*"(4)* **Tordna** *lill-VC sabiex fid-dawl tat-tielet talba jespletaw u jikkonkludu l-inkarigu tagħhom fi żmien prefiss u perentorju jekk ikun il-każ taħt is-superviżjoni tal-periti hekk nominati"*

*Għalhekk, għandu jkun ċar li fil-mument li sar il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, l-esponenti ma kienu għadhom assumew l-ebda dejn u dan għadu l-istat ta' fatt sa llum.*

*L-uniku obbligu li assumew l-esponenti kien dak, ai termini tal-klawsola numru 14.3 tal-imsemmija skrittura, li jħallsu "any repayments due from each of them respectively in connection with the overdraft and loan account number or numbers stated in Clause 1.6(a)(ii) [in respect of D.M. Holdings Limited and/or Desmond Mizzi] …* ***during the period between the Cut-off Date and the date of division, distribution and/or restructuring of the Company's Business is effected in terms of this Agreement****."*

*Fi kliem oħra, l-unika responsabilità li assumew l-esponenti kienet tirrigwarda r-repayments rikorrenti li kellhom isiru bejn l-hekk imsejħa Cut-off Date (31 ta' Marzu 2005) u l-konklużjoni tad-diviżjoni/distribuzzjoni/ristrutturar kontemplati fl-iskrittura tas-17 ta' Ġunju 2005. Imkien ma jirriżulta li b'effett tal-imsemmija skrittura l-esponenti assumew ir-responsabilità għal dak li kien dovut sa minn qabel il-Cut-off Date.*

*Il-ħlas li sar fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, kien jirrigwarda dejn li kien sar dovut ferm qabel il-Cut-off Date (31 ta' Marzu 2005). Minn qari tal-istess kuntratt jirriżulta, fil-fatt, li d-djun imħallsa mill-esponenti Desmond Mizzi kienu naxxenti minn żewġ kuntratti preċedenti fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman, rispettivament datati 6 ta' Mejju 1999 u 13 ta' Mejju 1999. Għalhekk, il-*

*ħlas effettwat bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, ma kienx jikkonfigura bħala parti mill-obbligu ai termini tal-preċitata klawsola numru 14.3 tal-iskrittura datata 17 ta' Ġunju 2005.*

8. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni talba tar-rikorrenti, li biha qed jippretendu li s-surroga effettwata bil-preċitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, ma setgħetx issir hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt billi (a) kulħadd jista' jħallas id-dejn ta' ħaddieħor u (b) is-surroga in kwistjoni seħħet ipso iure b'effett tal-Artikolu 1166(ċ) tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll konvenzjonalment u ma kien hemm l-ebda ostakolu legali sabiex tali surroga isseħħ.*

9. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, in vista li l-esponenti ma assumew l-ebda dejn hekk kif pretiż mir-rikorrenti fl-ewwel talba tagħhom u la darba s-surroga, effettwata bil-preċitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, hija għal kollox valida, l-ebda dejn ta' Mizzi Group Limited u/jew Millennia Limited ma ġie estint.*

10. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti bl-ebda mod ma aġixxew b'mod abbużiv u/jew illegali hekk kif pretiż mir-rikorrenti.*

11. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti Desmond Mizzi ma kiser l-ebda obbligu fiduċjarju fil-konfront ta' Mizzi Group Limited, billi kulħadd għandu l-jedd li jħallas id-dejn ta' ħaddieħor u s-surroga hija espressament permessa mil-liġi.*

12. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, bl-ebda mod ma tista' tiġi addebitata xi mala fede lil HSBC Bank Malta plc.*

13. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk ir-rexissjoni tal-preċitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlò, datat 18 ta' Mejju 2010, qed tintalab in via pauliana jonqsu l-elementi meħtieġa sabiex l-azzjoni tirnexxi, senjatament ma kien hemm l-ebda eventus damni, partecipatio fraudis jew consilium fraudis.*

14. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, ma tistax tintalab, permezz ta' Rikors Ġuramentat, ir-revoka contrario imperio ta' digriet mogħti fl-atti ta' bejgħ bl-irkant, iżda se mai jista' biss jintalab it-*

*tħassir tal-istess digriet. Għalhekk, it-tmien talba hija ġuridikament inammissibbli.*

15. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għat-tħassir u/jew revoka contratio imperio (dato ma non concesso li tali revoka hija proċeduralment ammissibbli) tad-digriet tas-16 ta' Novembru 2009, la darba l-istess digriet huwa proċeduralment korrett u m'hu vizzjat bl-ebda irregolarità.*

16. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni ġuridika sabiex jiġi ordnat it-tħassir tal-bejgħ bl-irkant bin-numru ta' referenza 81/09.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat **id-digriet tagħha tal-5 ta' Lulju 2019**[3] permezz ta' liema l-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi fir-rikors tal-1 ta' Marzu 2019[4] għal korrezzjonijiet fir-rikors ġuramentat u per konsegwenza tat għoxrin jum lill-konvenuti sabiex iressqu eċċezzjonijiet ulterjuri opportuni jekk ikun il-każ.

Rat **ir-risposta ġuramentata ulterjuri ta' Desmond Mizzi et tas-16 ta' Lulju 2019**[5] permezz ta' liema ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*"Jesponu bir-rispett u Desmond Mizzi (K.I. 465463M) bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

*Illi b'żieda ma', u mingħajr preġudizzju għal, dak diġà eċċepit fl-ewwel Risposta Ġuramentata tagħhom, l-esponenti jeċċepixxu ulterjorment:*

---

[3] Fol 122 et seq
[4] Fol 111
[5] Fol 129 et seq

1. *Illi t-talbiet għar-riżarċiment tad-danni huma preskritti bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.*

2. *Illi t-talbiet għar-riżarċiment tad-danni huma wkoll preskritti bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*

3. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni allegati mill-atturi ma jistgħu qatt jissussistu għaliex:*

   a. *Is-surroga hija fattur newtrali li sempliċement timplika li l-kreditur oriġinali jiġi sostitwit b'dak surrogat, iżda is-surroga, di per se, ma tista' qatt tissarraf f'xi telf patrimonjali għad-debitur. Għalhekk, kwalsijasi ipoteżi ta' xi dannu hija awtomatikament eskluża.*

   b. *Il-proċeduri għall-bejgħ bl-irkant taħt l-awtorità tal-Qorti huma proċeduri ġudizzjarji li, bħala tali, ma jistgħu qatt jammontaw għal xi forma ta' att illeċitu li jista' jwassal għad-danni.*

4. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma kkaġunaw l-ebda danni lill-atturi.*

5. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

*Bl-ispejjeż.*

Rat **ir-risposta ġuramentata ulterjuri ta' HSBC Bank Malta plc tal-24 ta' Lulju 2019**[6] permezz ta' liema ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*"Jeċċepixxi bir-rispett u Dr. Ralph Agius Fernandez (k.i. nru. 565688M), debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu u minn rekords mizmuma l-bank intimat, jiddikjara s-segwenti fatti:*

[6] Fol 133 et seq

*Eccezzjonijiet:*

1. Illi preliminarjament, it-talbiet relatati mal-varjanza tal-kuntratt huma illum preskritti ai termini tal-artikoli 1222 tal-Kodici CivilI stante li biex kuntratt jigi varjat jew impunjat tali kawza kellha issir entro sentejn mid-data tal-kuntratt jew fin-nuqqas tal-kriterji stabbiliti skont l-istess artiklu, tali talbiet huma perenti bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-artiklu 1224 tal-Kodici Civili.

2. Illi mingħajr preġudizzju, qabel xejn jeħtieg li l-atturi jiddikjaraw u jispecifikaw b'mod car u sewwa in-natura u l-bażi legali tal-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-Bank esponenti stante li dawn ma jirriżultawx b'mod car;

3. Illi subordinatament it-talbiet tal-atturi magħmula fil-konfront tal-Bank esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li ma jirrizultawx;

4. Illi assolutament mhux minnu li l-Bank esponenti aġixxa b'mod illegali jew b'nuqqas ta' buona fede;

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-ebda subbasta ma tista tigi annullata wara t-trapass ta' sena mid-data tal-liberazzjoni ai termini tal-artikolu 357A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jigi sottomess illi azzjoni ta' rexxissjoni, kif donnu hija l-azzjoni li l-atturi qegħdin ifittxu jibbazaw il-kawza taghhom, tista' tintalab biss minn wieħed mill-partijiet fil-kuntratt de quo u mhux ukoll minn terzi;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu mill-Bank esponenti skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat li b'ordni tal-Qorti l-kawża ġiet differita għall-provi dwar l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti.

Rat il-provi mressqa fir-rigward u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

1. Fil-qosor il-premessi li a bażi tagħhom ir-rikorrenti ntavolaw il-kawża odjerna huma li –

a) Is-soċjeta' rikorrenti Mizzi Group Limited ("Mizzi Group") hija negozju tal-familja bejn l-aħwa Mizzi li huma partijiet fil-kawża. Is-soċjeta' rikorrenti Millennia Limited ("Millennia) hija sussidjarja ta' din is-soċjeta' filwaqt li s-soċjeta' rikorrenti Unitrade Limited ("Unitrade") u dik intimata D.M. Holdings

Limited ("D.M. Holdings") huma t-tnejn azzjonisti f'ishma ndaqs bejniethom. Ir-rikorrent Jovan Mizzi u l-intimat Desmond Mizzi huma l-azzjonisti maġġoritarji ta' Unitrade u D.M. Holdings rispettivament.

b) Fis-17 ta' Ġunju 2005 ġie ffirmat ftehim permezz ta' liema sehem l-aħwa ġie valutat, maqsum u ristrutturat in-negozju ta' Mizzi Group b'dana li l-assi u d-djun ġew maqsuma f'żewġ lottijiet u ċioe' –

- **Lot 1 allokat lill-intimati D.M Holdings u Desmind Mizzi**: Id-dejn ta' Mizzi Group u tal-Millennia li kien jikkonsisti f'*overdraft* mal-HSBC Bank Malta plc ("HSBC") li f'dik l-epoka kellu bilanċ ta' €1,135,781.50;

- **Lot 2 allokat lir-rikorrenti Unitrade u Jovan Mizzi**: Id-dejn ta' Mizzi Group li kien jikkonsisti f'*loans* mal-HSBC li f'dik l-epoka kellu bilanċ ta' €1,888,206.66;

ċ) Skont l-istess ftehim, kull parti li lilha ġie allokat id-dejn appena msemmi kellha tkun unikament responsabbli għall-ħlas lura dovut skont kull lot u dan mill-31 ta' Marzu 2005 'il quddiem;

d) Ir-rikorrenti jsostnu li Unitrade u Jovan Mizzi dejjem onoraw l-obbligi tagħhom skont dan il-ftehim tant li matul is-snin ħallsu parti sostanzjali mll-loans allokati lilhom;

e) Fil-25 ta' Ġunju 2008 permezz ta' żewġ kuntratti notarili li fuqhom deher biss l-intimat Desmond Mizzi qua direttur ta' Mizzi Group, l-istess Mizzi Group ikkostitwiet ruħha debitriċi tal-HSBC fis-somom ta' €1,313,965.68 u €1,467,547 bħala bilanċ dovuti minn Mizzi Group għall-*overdraft* u *loans* rispettivament;

f) Fit-18 ta' Mejju 2010 permezz ta' att pubbliku, l-intimat Desmond Mizzi ħallas lill-HSBC is-somma ta' €1,501,139.28 bħala bilanċ dovut fuq l-*overdraft*. Bis-saħħa tal-istess kuntratt, Desmond Mizzi ġie surrogat fid-drittijiet tal-HSBC kontra Mizzi Group għar-rigward tad-dejn minnu mħallas

u b'riżultat ta' dan kompla bi proċeduri ta' subbasta numru 81/2009 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc vs Mizzi Group Ltd* u għamel offerta *animo compensandi* ta' €900,001 sabiex jakkwista l-proprjeta' ta' Mizzi Group @240, Triq Żabbar, Paola. Dan il-bejgħ ġie awtorizzat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Novembru 2009 u sar fit-28 t'Ottubru 2010. Bis-saħħa tiegħu l-intimat Desmond Mizzi akkwista din il-proprjeta' bil-prezz imsemmi. Jingħad li tali proprjeta' kienet ġie stmata bil-prezz ta' €1,500,000 ai fini tas-subbasta u kienet tifforma parti mill-lot allokat lilu fil-ftehim ta' Ġunju 2005.

2. Ir-rikorrenti jsostnu li r-raġunijiet li wassluhom sabiex jintavolaw il-kawża odjerna kienu li –

a) Meta kien ġie ffirmat il-ftehim tas-17 ta' Ġunju 2005 ir-responsabilta' għal ħlasijiet tad-djun ta' Mizzi Group kienet ġiet assunta unikament minn Unitrade u Jovan Mizzi minn naħa waħda u D.M. Holdings u Desmond Mizzi minn naħa l-oħra b'dana li Mizzi Group ġiet eżonerata mir-responsabilta' tal-ħlas. Għaldaqstant meta l-intimat Desmond Mizzi ħallas id-dejn li permezz tal-ftehim ta' Ġunju 2005 huwa kien assuma r-responsabilta' tiegħu, dik l-obbligazzjoni ġiet estinta u Desmond Mizzi allura ma setax jiġi sussegwentement surrogat fid-drittijiet tal-HSBC fil-konfront ta' Mizzi Group;

b) Ir-rikorrenti jsostnu li dan l-aġir huwa abbużiv, frawdolenti u llegali fil-konfront tagħhom u jammonta għal ksur tal-obbligi fiduċjarji tal-intimat Desmond Mizzi bħala direttur ta' Mizzi Group;

ċ) Inoltre, anke l-HSBC kien parteċipi fl-aġir frawdolenti tal-intimat Mizzi meta huwa deher fil-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 biex ikkonċeda b' surroga d-drittijiet tiegħu favur l-istess Desmond Mizzi nonstante l-fatt li l-Bank kien konsapevoli ta' dak li ġie miftiehem bejn il-familja Mizzi fil-ftehim tas-17 ta' Ġunju 2005.

3. Permezz tal-kawża odjerna r-rikorrenti qed jagħmlu numru ta' talbiet lill-Qorti fosthom –

a) Dikjarazzjoni li bis-saħħa tal-ftehim tas-17 ta' Ġunju 2005 D.M. Holdings u Desmond Mizzi assumew personalment ir-responsabbilta' għall-ħlas tad-dejn effettivament imħallas mill-intimat Desmond Mizzi permezz tal-kuntratt ta' Mejju 2010;

b) Dikjarazzjoni li l-intimat Mizzi ma setax jiġi surrogat fid-drittijiet tal-HSBC u li bil-ħlas li sar id-dejn naxxenti mill-overdraft u t-titolu eżekuttiv relattiv ġew estinti;

ċ) Dikjarazzjoni li l-aġir abbużiv u llegali ta' Desmond Mizzi jammonta għal ksur tal-obbligi fiduċjarji lejn tar-rikorrenti kif ukoll li l-HSBC ma aġixxiex bil-*buona fede* u allura kien parteċipi fl-aġir illegali tal-intimati l-oħra meta ssurroga lil Mizzi fl-att ta' Mejju 2010;

d) Konsegwentement ir-rikorrenti qed jitolbu r-rexissjoni tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 safejn jirrigwarda s-surroga in kwistjoni kif ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni b'riżultat tal-aġir tal-intimati inkluż per konsegwenza tal-att ta' surroga tat-18 ta' Mejju 2010 u/jew il-bejgħ bl-irkant in kwistjoni.

4. Minn naħa tagħhom l-intimati rrespinġew fermement dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u ressqu wkoll xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari b'rabta mal-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti, liema eċċezzjonijiet ser jiġu trattati u deċiżi f'din is-sentenza -

a) L-intimat Desmond Mizzi kemm f'ismu personali kif ukoll għan-nom ta' D.M. Holdings xehed[7] li ħadd minnhom mhux debitur tar-rikorrenti għal xi danni. Inoltre, huwa xehed li għal fini tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, b'referenza għall-kuntratt ta' ħlas b'surroga tat-18 ta' Mejju 2010, il-liberazzjoni tal-fond @240, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura ġiet insinwata fit-28 t'Ottubru 2010 kif jirriżulta mill-atti esibiti.

Xehed ukoll li mhuwhiex minnu li ai termini tal-kuntratt tas-17 ta' Ġunju 2005 huwa assuma xi dejn personalment[8]

[7] Fol 142
[8] Fol 247

b) Dwar l-istess kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010, Brian Baldacchino għan-nom tal-Bank intimat xehed[9] li tali surroga saret limitatament għall-faċilitajiet bankarji konċessi mill-Bank lil Mizzi Group fin-natura ta' overdraft u mhux għall-faċilitajiet ta' *loans* li fuqhom għad hemm bilanċi dovuti. Inoltre, l-Bank intimat mhuwiex debitur tar-rikorrenti għad-danni pretiżi.

5. Tressqu wkoll xhieda u dokumentazzjoni oħra fl-atti.

**Ikkunsidrat:**

6. L-intimati ressqu diversi eċċezzjonijiet preliminari dwar preskrizzjoni. Għal kull buon fini jiġi rilevat li wara t-tibdil fit-talbiet tar-rikorrenti kif awtorizzati mill-Qorti fid-digriet tal-5 ta' Lulju 2019, kien hemm tibdil fl-eċċezzjonijiet preliminari mressqa fejn l-eċċezzjoni bażata fuq l-artikolu 357A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet eżawrita filwaqt li żdiedu oħrajn marbutin mad-danni mitluba.

7. L-eċċezzjonijiet li ser jiġu trattati u deċiżi fil-kawża odjerna huma dawn -

a) Eċċezzjoni ai termini tal-artikoli 1222 u 1224 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-HSBC fir-risposta ġuramentata tiegħu a fol 61;

b) Eċċezzjoni ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u eċċezzjoni ai termini tal-sollevata mill-intimati Desmond Mizzi u D.M. Holdings fir-risposta ġuramentata tagħhom a fol 75;

ċ) Eċċezzjoni ai termini tal-artikoli 2153 u 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevati mill-HSBC fir-risposta ġuramentata ulterjuri tiegħu a fol 61;

[9] Fol 240 u fol 252 et seq

d) Eċċezzjoni ai termini tal-artikoli 2153 u 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevati mill-intimati Desmond Mizzi u D.M. Holdings fir-risposta ġuramentata ulterjuri tagħhom a fol 129.

8. Jiġi sottolineat fl-ewwel lok li - kif inhuwa kristalizzat anke fil-ġurisprudenza – dawn l-eċċezzjonijiet jeħtieġ li jiġu analizzati fil-kuntest u fil-parametri tal-azzjoni kif intavolata. Dan fid-dawl tal-fatt li ż-żmien li minnu tibda tiddekorri l-preskrizzjoni jrid jiġi kalkolat ai termini ta' kif hija arġinata l-kawża proposta mir-rikorrenti.

9. Ingħad hekk fil-każ **Improved Design Ltd vs Dr Michael Gialanze` deċiża fid-19 ta' Mejju 2005 -**

*"Illi fid-dawl tal-eċċezzjoni mogħtija, jidher li huwa meħtieġ li, qabel kull ħaġa oħra, tiġi mistħarrġa l-eċċezzjoni taħt eżami fid-dawl tal-azzjoni li hija maħsuba li twaqqaf. Dan jingħad għaliex iż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla*[10]*. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imħarrek isejjes il-kontro-talba tiegħu fuq il-bażi tas-servizzi mogħtija. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi (f'dan il-każ, rikonvenzjonanti), u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx japplika għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ma jkunx applikabbli, ma jkun jiswa xejn li l-Qorti tistħarreġ il-provi;*

*Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-fatt li l-Qorti tqis l-eċċezzjoni fid-dawl tal-azzjoni li hija tkun qegħda tipprova twaqqaf ma jfisser bl-ebda mod li l-Qorti tkun qegħda tagħti ġudizzju fuq is-siwi tal-azzjoni fil-mertu. Dan ikun xorta waħda xogħol il-parti attriċi (jew rikonvenzjonanti) biex twettaq;"*

[10] App. Ċiv. 24.3.1958 fil-kawża fl-ismijiet Borġ vs Testaferrata Boniċi (Kollez. Vol: XLII.i.153) u Kumm. 29.11.1971 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe (Mhix pubblikata)

10. Minn ħarsa lejn ir-rikors ġuramentat il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti li b'rabta magħhom tressqu l-eċċezjonijiet mertu ta' din il-kawża huma mibnija fuq dawn il-binarji –

a) Allegat aġir abbużiv u illegali da parti tal-intimat Desmond Mizzi *qua* direttur tas-soċjeta' Mizzi Group li wasslu għal ksur ta' obbligi fiduċjarji fil-konfront tar-rikorrenti;

b) Parteċipazzjoni tal-intimat HSBC f'dan l-allegat aġir illegali.

Tajjeb jingħad li għalkemm fil-premessi r-rikorrenti rreferew għal *"aġir abbużiv, illegali u frawdolenti"* da parti tal-intimati, senjatament fit-talbiet infushom huma ma rreferewx għar-reat ta' frodi u ma għamlu ebda talba b'rabta miegħu. Hija għalhekk fil-limitu tat-talbiet magħżula mill-istess atturi, u kif minnhom imressqa lil Qorti hi dovuta tikkusidra jekk iddekkorix iż-żmien preskrittiv.

Per konsegwenza ta' dan l-allegat aġir da parti tal-intimati, r-rikorrenti qegħdin jitolbu r-rexxissjoni ta' parti mill-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 fejn saret is-surroga lil Desmond Mizzi u l-likwidazzjoni u ħlas ta' danni naxxenti mill-att ta' surroga tat-18 ta' Mejju 2010 u/jew il-bejgħ bl-irkant tat-28 t'Ottubru 2010.

11. Ferm il-premess, il-Qorti sejra tipproċedi bl-eżami tal-eċċezzjonijiet preliminari in kwistjoni.

**<u>Eċċezzjonijiet ai termini tal-artikoli 1222 u 1224 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

12. **L-ewwel eċċezzjoni tal-Bank intimat** tgħid hekk –

*"Illi preliminjarjament, it-talbiet relatati mal-varjanza tal-kuntratt huma illum preskritti ai termini tal-artikoli 1222 tal-Kodiċi Ċivill stante li biex kuntratt jiġi varjat jew impunjat talli kawża kellha issir entro sentejn mid-data tal-kuntratt jew fin-nuqqas tal-kriterji stabbiliti skont l-istess artiklu, tali talbiet huma perenti bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-artiklu 1224 tal-Kodiċi Ċivili."*

13. **It-tieni eċċezzjoni tal-intimati Desmond Mizzi et** tgħid hekk –

*"Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba għar-rexissjoni in parte tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlo`, datat 18 ta' Mejju 2010, hija perenta bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili."*

14. **L-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*

*(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

15. Imbagħad, **l-artikolu 1223 (1) tal-Kap imsemmi** jispeċifika t-terminu minn meta jibdew jiddekorru dawn is-sentejn –

*"Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza,minn dak in-nhar li jinkixef id-difett."*

16. Fil-każ **Maria Schembri et vs Joseph Refalo deċiż fit-13 ta' Lulju 2020** din il-Qorti diversament preseduta elenkat il-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mill-ġurisprudenza in materja –

*"Fis-sentenza li tat fit-8 ta` Jannar 2013 fil-kawża* ***John Richard Gimblett pro et noe vs M. & R. Holdings Limited et*** *din il-Qorti diversament presjeduta għamlet riferenza għall-ġurisprudenza dwar din ix-xorta ta` preskrizzjoni. Qalet hekk :-*

*"Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Ċivili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta` rexissjoni biex jiġi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji għall-eżistenza tiegħu jew għaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leżiv għal xi wieħed mill-kontraenti.*

*Għalhekk huwa imperattiv, ladarba ġie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta` sentejn, li jibdew jgħoddu minn meta jinkixef l-iżball jew egħmil doluż. Illi fil-fatt kien ritenut fil-każ ta`* ***Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Novembru 1962 li :*

*"Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta` kuntratt minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta` mara miżżewġa, interdizzjoni jew nuqqas ta` eta` u obbligazzjonijiet minghajr kawża jew b`kawża falza, tibda tiddekorri fil-każ ta` żball, għemil doluż u kawża falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-każijiet ta` nullita` radikali; għax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni ineżistenti, filwaqt illi fil-każijiet l-oħra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni teżisti. U l-provi meħtieġa biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeċċepixxi l-preskrizzjoni."*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta` Novembru, 2001 ġie deċiż li :*

*"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi preżunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali tagħhom. Minn jadduċi l-kontra u jadduċi l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bażat fuq xi wieħed mill-elementi li l-liġi stess tindika bħala raġuni valida biex jiġi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, għandu jipproduċi provi univoċi, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, ħaġa li rriteniet il-Qorti tal-Appell l-appellanti ċertament ma għamlux."*

*(.....)*

*Din il-Qorti tagħmel referenza għħll-kawża deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell fil-31 ta` Lulju 1996 fl-ismijiet* ***Adrian sive Aad De Haan vs George Whelpdale et nomine*** *fejn il-Qorti irriteniet li t-terminu ta` preskrizzjoni tal-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata inġustament tiġi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront tagħha u li hemm ippreġudikaha. Din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta` Mejju 1959 fl-ismijiet* ***George Mallia vs Avukat Dr. Albert Ganado nomine*** *fejn intqal :*

*"azzjoni biex kuntratt jiġi annullat minħabba vizzju tal-kunsens b`errur jew ingann hija azzjoni ta` rexxissjoni għax dik l-azzjoni tkun diretta biex il-kuntratt jiġi annullat. U la darba jigi stabbilit li l-azzjoni hi ta` rexxissjoni, il-preskrizzjoni applikabbli għaliha hija dik ta` sentejn, li jibdew jgħaddu minn meta jinkixef id-difett". Huwa evidenti li l-atturi qegħdin isejsu t-talba għat-tħassir tal-kuntratt fuq il-kawżali ta` allegat qerq, dolo, raggiri u mala fede da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi u żewġha Maria u Gaetano, konjuġi Schembri kif ukoll fil-konfront ta` Melanie Refalo. Din il-pretensjoni attrici tinkwadra ruħha f`dak li l-Art 1222(1) isejjaħ egħmil doluż.*

*Skont l-Art 1223(1) il-preskrizzjoni tas-sentejn f`dak il-każ tiskatta minn dakinhar li jinkixef l-egħmil doluż. Iż-żmien li fih għandha tinbeda l-azzjoni jiddependi minn ċirkostanzi oġġettivi, mhux minn x`jaħseb il-konvenut. Jekk attur jagħmel l-argument illi kien impossibbli għalih li jaġixxi, l-allegata impossibilita` tiegħu sabiex tkun aċċettata trid trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tal-persuna, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Sempliċi injoranza tad-dritt ut sic mhijiex impediment ta` din ix-xorta. Tirreferi wkoll għas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta` Frar 2007 fil-kawża* ***John Grech vs Ivan Mifsud et*** *fejn ingħad :-*

*Il-preskrizzjoni ta` sentejn jibdew jgħoddu minn meta jinkixef l-iżball jew egħmil doluż. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-każijiet ta` nullita` radikali, għax in-nullita` radikali tirrendi l-obbligazzjoni ineżistenti. Min jeċċepixxi l-preskrizzjoni jinkombu fuqu l-provi, liema provi jridu jkunu univoċi, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu. It-terminu ta` preskrizzjoni tal-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata inġustament tiġi a konjizzjoni tal-att abbusiv*

*kommess fil-konfront tagħha u li hemm ippreġudikaha. Il-preskrizzjoni għandu jkollha interpretazzjoni restrittiva. Id-data trid tiġi stabbilita b`mod ċar, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni.*

17. **L-artikolu 1224 tal-Kap 16** jipprovdi hekk -

*"F'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni egħluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi."*

18. **L-artikolu 2153 tal-Kap 16** jipprovdi hekk–

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

19. Intqal hekk fil-każ **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013**[11] **-**

*"Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (c) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726)."*

[11] Cit 353/05

Dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-każ **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016**[12] **-**

*"L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[13] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta għall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq ċitat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridiċi li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

Għalhekk, il-mument minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni huwa minn meta tkun seħħet il-ħsara lamentata, u mhux minn meta l-persuna konċernata tinduna biha. **It-test huwa kwindi wieħed oġġettiv.**

20. **L-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** jipprovdi hekk -

*"2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(....)*

*"(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-*

[12] Rik Ġur 1051/2007
[13] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deċiża fl-1 ta' April 2003

*liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

21. Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Montebello Enterprises Ltd vs Paolo Soldi et deċiż fil-25 ta' Novembru 2015 -**

*"Illi bħal kull eċċezzjoni oħra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. Illi huwa principju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** hija soġġetta għal interpretazzjoni eiusdem generis.*

*Għaldaqstant, il-kelma "kreditu" minħabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tiġbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bħal jeddijiet l-oħra imsemmija fl-**Artikolu 2156.** F'dan il-kuntest, ta' min igħid li l-ebda wieħed mill-krediti imsemmija fl-**Artikolu 2156** ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus. Dan iġib miegħu l-effett li l-obligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus.*

*Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Prim'Awla tal Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet '**Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino'** deċiża fid-19 ta' Ottubru 1954, fejn ingħad illi:*

*"Jidher illi l-krediti imsemmija fid-dispożizzjoni tal-liġi 'l fuq indikata jirrigwardaw bħala regola dawk li jkollhom bħala oġġett flus; jiġifieri dawk tal-prestazzjonijiet aċċessorji, jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw oġġett li jkun jew flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma l-flus. Kull kreditu ieħor, hemm imsemmi ma għandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bħal flus."*

*Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti, jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaga funġibbli bħalma huma l-flus."*

22. Marbuta ma' dan l-artikolu hemm il-ġurament li d-debitur irid jieħu ai termini tal-artikolu 2160 (1) tal-Kap 16 li jipprovdi hekk -

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149,* ***2156***[14] *u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

23. Il-perjodu preskrittiv b'rabta ma' din l-eċċezzjoni jibda għaddej minn dakinhar li setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni.

**Ikkunsidrat:**

24. B'referenza għall-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif intwera mis-suespost, dan huwa applikabbli f'każ ta' *"azzjoni għar-rexxisjoni minħabba....għemil doluż"* u għalhekk ċertament li japplika għall-każ tal-lum ġjaladarba huwa l-allegat egħmil abbużiv u llegali tal-intimati li wassal għat-talba ta' rexxissjoni tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 safejn jolqot is-surroga mogħtija lil Desmond Mizzi mill-HSBC.

25. Peress li ai termini tal-artikolu 1223 tal-Kap 16 suċċitat, fil-każ ta' egħmil doluż il-preskrizzjoni hija meqjusa li tibda tiddekorri *"minn dakinhar li jinkixef id-difett"* dan ifisser li għall-fini tal-kawża odjerna iż-żmien tal-preskrizzjoni beda għaddej minn dakinhar li huma jitqiesu li saru jafu bil-ftehim tat-18 ta' Mejju 2010.

26. Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti vagament jissottomettu li kien biss fil-perjodu *"riċenti"*[15] qabel ma nfetħet il-kawża li saru jafu bih dan il-kuntratt. Pero' din il-linja ta' difiża ftit li xejn treġi u hija piutost fjakka. Ta' min isemmi fl-ewwel lok li fl-atti tal-proċeduri ta' subbasta numru 81/09 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Mizzi Group Limited kien hemm numru ta' istanzi li fihom l-istess Mizzi Group kellha opportunitajiet ampji li bihom issir taf bl-eżistenza ta' dan il-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010. Biss biss, fil-15 ta' Lulju 2010 l-intimat Desmond Mizzi kien intavola r-rikors sabiex jassumi l-atti tas-subbasta numru 81/09 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Mizzi Group Limited" u fih kien irrefera direttament għall-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010[16] u ppreżenta fl-atti kopja

[14] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[15] Igħid *riċntement* fil-premessi fir-rikors ġuramentat
[16] Fol 187

tiegħu[17]. Fuq ordni tal-Qorti huwa sussegwentement reġa' ppreżenta kopja oħra ta' dan il-ftehim din id-darba awtentikata[18]. Hija nverosimili li f'dik l-epoka Mizzi Group ma saritx taf b'dan il-kuntratt esibit darbtejn fl-atti tas-subbasta li kienet qed issir kontriha stess. Iżda jekk dan ma kienx biżżejjed, jirriżulta wkoll li in segwitu għall-preżentata tal-kuntratt imsemmi, Mizzi Group ġiet ukoll notifikata bl-avviż tas-subbasta. Ukoll il-liberazzjoni tal-fond @240, Triq Ħaż-Żabbar il-Fgura a favur l-intimat Desmond Mizzi ġiet insinwata fir-Reġistru Pubbliku fit-28 t'Ottubru 2010[19]. Jekk nonostante dan, sa dakinhar, Mizzi Group kienet stranament għadha ma ndunatx u baqgħet fid-dlam bil-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010, saret sussegwentement ċedola ta' kompensazzjoni da parti ta' Desmond Mizzi fid-29 t'Ottubru 2010[20] li ġiet **notifikata** lil Mizzi Group fil 15 ta' Frar 2011[21]. Għalhekk, anke jekk jiġi meqjus li Mizzi Group saret konxja ta' dan il-kuntratt almenu fis-sena 2011, xorta hemm distakk ta' seba' snin bejn dakinhar u l-intavolar tal-kawża. Mela l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1222 kienet ilha li skadiet.

27. **Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank HSBC sejra tiġi milqugħa ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

28. Minn naħa tagħhom l-intimati l-oħra jissollevaw il-preskrizzjoni kwinkwennali tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

29. Għal fini ta' din l-eċċezzjoni, wieħed mill-ilmenti tar-rikorrenti huwa li meta fil-kuntratt ta' surroga tat-18 ta' Mejju 2010 l-intimat Desmond Mizzi ħallas id-dejn li permezz tal-ftehim ta' Ġunju 2005 huwa kien assuma r-responsabilta' tiegħu, dik l-obbligazzjoni kellha tiġi meqjusa estinta. Kwindi, fil-fehma tar-rikorrenti, l-istess Desmond Mizzi ma seta qatt jiġi surrogat fid-drittijiet tal-HSBC fil-konfront ta' Mizzi Group. Għar-rikorrenti dan l-aġir abbużiv u llegali jikkostitwixxi ksur tal-obbligi fiduċjarji ta' Desmond Mizzi bħala direttur tas-soċjeta' Mizzi Group. Bħala konsegwenza, fil-ħames u fis-seba' talba tar-rikors ġuramentat huma qegħdin jitolbu rispettivament li l-intimat Desmond Mizzi jiġi dikjarat li kiser l-obbligi fiduċjari tiegħu kif imsemmi kif ukoll li tiġi ordnata r-

[17] Fol 188
[18] Fol 197 et seq
[19] Fol 86
[20] Fol 218
[21] Fol 221

rexissjoni in parte tal-ftehim tal-2010 u ċioe' dik il-parti fejn l-intimat Desmond Mizzi ġie surrogat fid-drittijiet tal-HSBC fil-konfront ta' Mizzi Group;

30. L-artikolu 1124A (1) tal-Kap 16 kif viġenti fl-epoka tal-każ kien jipprovdi hekk –

*"Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imgieba fejn persuna (il-"fiducjarju") –*

*"(a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew*

*"(b) iżżomm, teżerċita kontroll jew ikollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew*

*"(ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett."*

31. Jiġi osservat li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[22] ir-rikorrenti jargumentaw ukoll li b'dan l-akkadut li wassal għas-surroga fil-ftehim ta' Mejju 2010, anke l-HSBC, fil-vesti tiegħu ta' Bank tas-soċjeta' Mizzi Group, kiser l-obbligi fiduċjarji tiegħu ukoll fil-konfront tal-istess soċjeta' Mizzi Group. Il-Qorti iżda tirrileva iżda li dawn l-argumenti fil-konfront tal-Bank intimat mhumhiex riflessi fit-talbiet tar-rikors promotur. Infatti, l-unika talba li hemm għal dikjarazzjoni b'rabta ma' ksur ta' obbligi fiduċjarji hija dik fit-talba numru ħamsa fil-konfront biss tal-intimat Desmond Mizzi.

32. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **John Micallef noe vs Jeffrey Mizzi**, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012 –

"*Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Is-sentenza kellha għalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl*

[22] Fol 363

*tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita*".

33. Għalhekk, ladarba l-pretensjonijiet tar-rikorrenti għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' obbligi fiduċjarji fil-konfront ta' Mizzi Group huma riferibbli biss għal Desmond Mizzi, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'rabta mal-allegat ksur tal-obbligi fiduċjarji msemmija ser tiġi meqjusa biss fir-rigward tal-intimat imsemmi Desmond Mizzi.

34. Skont l-artikolu 1224 tal-Kap 16, it-terminu preskrittiv jibda għaddej *"minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa"* u ċioe' minn dak inhar tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 u mhux minn meta r-rikorrenti *se mai* saru jafu bih.

35. Bħala stat ta' fatt, għalkemm il-ftehim parzjalment impunjat sar fit-18 ta' Mejju 2010, il-kawża odjerna ġiet intavolata fit-22 t'Awwissu 2018 u kwindi 8 snin wara. Ma jirriżultax li fil-frattemp ir-rikorrenti kienu nterrompew dan iż-żmien b'xi att ġudizzjarju. M'hemmx dubju għalhekk li fil-mument meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, l-azzjoni tar-rikorrenti safejn jirrigwarda l-allegat ksur tal-obbligi fiduċjarji da parti tal-intimat Desmond Mizzi kienet perenta bid-dekors taż-żmien ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap 16.

36. Sabiex jilqgħu għall-eċċezzjoni in eżami, r-rikorrenti jagħmlu referenza għall-**l-artikolu 1124F tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jirreferi għall-preskrizzjoni fejn jidħlu obbligi fiduċjarji -

*"(1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, azzjoni li tinġieb kontra l-fiduċjarju jewpersuna li titqies bħala tali taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A –*

*(a) għal xi frodi jew diżonestà li fir-rigward tagħhom dik il-persuna kienet parti jew kellha għarfien; jew*

*(b) għall-irkupru mingħand il-fiduċjarju, jew kwalunkwe persuna meqjusa bħala fiduċjarju kif stabbilit hawn qabel, ta' kull proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji jew li l-fiduċjarju jkun preċedentement irċieva u kkonverta għall-użu tiegħu, jew għall-benefiċċji jew gwadann li jkun irċieva bħala riżultat tal-ksur tal-obbligazzjonijiet,*

*m'għandhiex tiġi preskritta minkejja l-iskadenza taż-żmien."*

37. Jiġi sottolineat pero' li dan l-artikolu ma huwhiex applikabbli għall-każ odjern stante li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2018 permezz tal-Att XXXVI tal-2018 u kwindi wara li l-kawża odjerna kienet ġiet intavolata (22 t'Awwissu 2018). A skans ta' kull ekwivoku, l-artikolu 1124J (ċ) tal-Att jipprovdi li

*"id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji kollha li jkunu jeżistu fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jew kwalunkwe emendi fir-rigward, anke jekk jirriżultaw qabel tali data, kif ukoll għal kwalunkwe obbligazzjonijiet fiduċjarji li jirriżultaw sussegwentement:*

*Iżda dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw retrospettivament meta l-effett tagħhomi kun li jċaħħad jew jirrestrinġi kwalunkwe dritt vestit jew li joħloq xi responsabbiltà li ma kinitx teżisti fil-liġi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet;"*

38. Għalhekk, permezz ta' din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi applikata retroattivament u kwindi ma tinnewtralizzax il-kunsiderazzjonijiet preċedenti tal-Qorti u ladarba għalhekk il-pretensjonijiet surreferiti tar-rikorrenti kienu diġa ġew preskritti, dawn ma jistgħux jerġgħu jingħataw il-ħajja permezz ta' dispożizzjoni ta' liġi sussegwenti.[23]

39. F'dan il-kuntest issir referenza għall-każ **Ballut Blocks Services Ltd vs Bonnici Bros. Contractors Ltd et** deċiż fl-1 ta Diċembru 2020 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk –

[23] Ara fir-rigward in tematika dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fuq nuqqas ta' retroattivita' fid-deċiżjoni fl-ismijiet L-Avukat Anthony DeGaetano et. vs Ministru Ġustizzja et. Deċiża 25/01/2023

*"Il-prinċipju li jirregola liġi sostantiva għandu, min-naħa l-oħra, jkun oppost. Peress li tali liġi jkollha l-iskop li tirregola l-aġir tac-ċittadini fil-konfront ta' xulxin jew fil-konfront ta' Awtorita' governattiva, din m'għandhiex ikollha effett retroattiv, fis-sens li ma tistax tikkontrolla aġir li jkun gia seħħ meta saret il-liġi! Kull ċittadin għandu dritt jirregola l-aġir u l-kuntratti tiegħu a bazi tal-liġijiet viġenti u fis-seħħ metta seħħ dak l-aġir u mhux preżunt li l-Legislatur sejjer, bil-liġi li saret illum, jirregola dak li seħħ 'l bierah.*

*"Ovvjament, il-Legislatur jista' fil-limiti tal-poteri tiegħu, jittanta li jilleġisla anke għal dak li seħħ fil-passat, pero`, biex jagħmel dan, irid jagħmlu espressament, għax bħala regola u in principju, ir-regoli ta' natura sostantiva huma meqjusa li l-effett tagħhom ikun biss proattiv; dan in omaġġ għall-prinċipju Ruman li lex non habet oculos retro";*

40. Għal kull buon fini jingħad ukoll li r-referenza li għamlu r-rikorrenti għas-sentenza fl-ismijiet **Rosario Attard et vs Zenith Finance Ltd deċiża fit-2ta' Ġunju 2022** dwar l-applikabilita' tal-artikolu 1124F tal-Kap 16 għall-każ odjern[24] ma treġix stante li, minn verifiki li għamlet il-Qorti[25]f'dak il-każ, il-kawża kienet ġiet intavolata fid-9 ta' Ġunju 2020 u kwindi ferm wara li daħlu fis-seħħ l-emendi bl-Att XXXVI tal-2018.

41. Inoltre, lanqas ireġi l-argument tar-rikorrenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom li "*kien hemm ksur ta' kull terminu preskrittiv kawża ta' numru ta' azzjonijiet ġudizzjarji li saru nel frattemp, u li kienu jirrigwardaw l-obbligazzjonijiet tal-partijiet emerġenti mill-Ftehim u l-ħlas tad-dejn lill-Bank HSBC[26]"*. Minn verifiki li għal darb'oħra għamlet il-Qorti[27] jirriżulta li mhux biss il-mertu mhuwhiex identiku iżda lanqas il-partijiet kollha fil-kawża odjerna m'huma parti mill-kawżi kollha msemmija mir-rikorrenti fin-Nota msemmija. Frankament, kif anke tajjeb irrimarkaw id-difensuri tal-intimati waqt it-trattazjoni, li kieku dan kien il-każ, ma kienx ikun hemm kwistjoni ta' nterruzzjoni ta' preskrizzjoni iżda ta' *'lis alibi pendens'*.

[24] Fol 366 para 25
[25] ecourts.gov.mt
[26] Fol 364 para 15 (iv)
[27] Ibid

44. **Fid-dawl tas-suespost it-tieni eċċezzjoni tal-intimati Desmond Mizzi ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili timmerita li tiġi akkolta.**

**Ikkunsidrat:**

45. Jifdal għalhekk l-eċċezzjonijiet b'rabta mat-talba għad-danni naxxenti mill-att tas-surroga tat-18 ta' Mejju 2010 u/jew il-bejgħ bl-irkant.

46. Għalkemm l-intimati jirreferu għal żewġ artikoli tal-Kap 16 u ċioe' l-artikolu 2153 u l-artikolu 2156 (f), il-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi tal-każ huwa applikabbli l-artikolu 2156 (f) stante li l-allegati danni huma naxxenti minn kuntratt ta' surroga li sar f'Mejju 2010, liema surroga ġiet inkorporata fil-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant numru 81/09.

47. Kif ingħad fis-suespost, it-terminu preskrittiv jibda għaddej minn dakinhar li setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni u ċioe' mid-data tal-att tas-surroga fit-18 ta' Mejju 2010 u/jew mid-data tal-bejgħ bl-irkant fit-28 t'Ottubru 2010. B'hekk miż-żewġ dati għaddew circa 8 snin sakemm infetħu l-proċeduri odjerni.

48. Inoltre, għall-fini tal-artikolu 2160 (1) tal-Kap 16, kif intwera mis-sinteżi tal-provi fis-suespost, kemm Desmond Mizzi kemm f'ismu personali kif ukoll għan-nom ta' D.M. Holdings u anke Brian Baldacchino għan-nom tal-Bank intimat ikkonfermaw bil-ġurament li ħadd minnhom mhu debitur tar-rikorrenti għal xi danni.

49. **Dan ifisser li anke fir-rigward tat-talba għad-danni, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Bank HSBC Bank Malta plc ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari ulterjuri tiegħu ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Att;**

**2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati Desmond Mizzi et ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari ulterjuri tiegħu ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Att;**

**3. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**